Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 20/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tlieta, 25 t' April 2023

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:45

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Assenti
Sur Pierre Dalli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Assenti
Sur Vincent Borg	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Dominic Grima	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Alfred Zammit	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Assenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Skużat
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

20. 1 Ittri ta' Apoloġija

20.1.1 Il-President semma li s-Sur Dominic Grima, is-Sur Jorge Grech kif ukoll is-Sur Joseph Abela Galea talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impenji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw sabiex ikunu skużati mil-laqgħa għandhom jitniżlu bħala skużati. Il-President semma li s-Sur Boxall, is-Sur Pierre Dalli u s-Sur Alfred Zammit ma kienux informaw li ser ikun skużat, għaldaqstant tniżlu bhala assenti.

20.1.2 Il-President irringrazzja lil dawk li kienu ġew filwaqt li skuża ruħu għad-dewmien li kien hemm biex kien hemm kworum u setgħet tibda l-laqgħa.

20.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.19

20.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 19 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Wayne Aquilina, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

20.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 16

20.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Clive Pulis u is-Neil Attard ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 ta' Marzu 2023 u 25 t' April 2023 li kienet tammonta għall-€273,055.81

20.4 Komunikazzjoni oħra mill-President

20.4.1 Ħaddiema RSSL

Il-President semma li l-ħaddiema tal-RSSL huma mqassma mal-Kunsilli Lokali hekk kif kien mitlub mill-Kunsilli Lokali stess. Semma li hemm skedat sa Novembru 2023.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fil-jiem li għaddew il-ħaddiema tal-RSSL iltaqgħu ma' rappreżentanta minn 390 People fi ħdan l-OPM. Infurmat li kien hemm rikjesta min-naħa tagħhom sabiex ir-Reġjun jipprovdi van għarmat bl-għodda neċessarja. Kif ukoll il-van jintuża sabiex huma jmorru mil-lokal għal ieħor.
Il-President semma li din ir-rikjesta ma jistax jilqagħha u ser ikun qe dikellem lil RSSL min-naħa tiegħu.

20.4.2 CCTVS

Il-President semma li kien għadu qed jiġbor l-informazzjoni mingħand il-Kunsilli Lokali. Semma li ser ikun qed jagħti deadline lill-Kunsilli li għadhom ma daħlux ir-rispons tagħhom.

20.4.3 LESA

Il-President semma li r-Reġjun kien għamel il-claim mal-LESA għall-ispejjeż ta' Tribunal għas-sena 2022. Il-President semma li kien irċieva formalment mingżand l-Aġenzija LESA li l-ispejjeż għas-sena 2022 kienu ser jitħalsu abbażi tal-kuntratt u r-rati li kien hemm għas-sena 2021.

20.4.5 Skema għall-latrini awtomatiċi

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li kienet ikjarifikat mad-Dipartiment fejn kien hemm konferma li peress li l-fondi ser jinqasmu ekwivalenti bejn il-Kunsilli kollha jista' kull Kunsill jieħu ħsieb il-procurment ta' dan il-proġett.

20.4.6 Social Impact Assessment

Il-President semma li nhar 18 ta' Mejju ser isir workshop ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid li għalih huma mistiedna il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun. Semma li dan il-workshop ser ikun immexxi minn Profs. Andew Azzopardi.

20.4.7 AGM

Il-President semma li minħabba impennji ta' safar fuq il-Kumitat tar-Reġjun l-AGM ser ikolli jiġi pospost għal data oħra. Għaldaqstant, ma jistax isir fil-ftuħ tal-Wine Festival ġewwa l-Argotti. Il-President semma li xorta r-Reġjun ser ikun qe djikkollabora f' din l-attivita' tal-Wine Festiva ġewwa l-Argotti imma mhux ser ikun qe djagħmel l-AGM f'dik id-data.

Fuq proposta tal-President l-AGM ġie pospost għal nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju.

20.4.8 Intervista għar-Reġistratur – Triunal Żejtun

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Board tal-Għażla kien għadu ma ġiex maħtur. Semmiet li d-Direttur Ġenerali bagħat korrispondenza li talabha sabiex tinqara waqt il-laqgħa. Id-Direttur Ġenerali ġibed l-attenzjoni li d-Diviżjoni għal dawn l-aħħar snin kien ta s-sapport kollu possibbli biex -Tribunal jibqa' jiffunzjona, għaldaqstant issa huwa obbligu tar-Reġjun li jifforma board tal-għażla sabiex ma jwaqqafx il-proċess.
Il-President semma li huwa jerġa' jiddikjara li ma jridx ikun parti minn dan il-Board u għaldaqstant talab lill-Kumitat sabiex jinħatar Board.
Is-Sur Aquilina sema li għandu jkun hemm persuna teknika fuq il-Board.
Is-Segretarja semmiet li jekk hemm qbil min-naħa tagħhom ser tinforma lis-Sur Mario Fava u lis-Sa. Elizabeth Vassallo sabiex ikunu parti mill-Board. Semmiet li wara li tinstab data jkollha bżonn rappreżentant tar-Reġjun sabiex jingħaqad magħhom fq il-Board.

20.4.9 Art b' devoluzzjoni lir-Reġjun

Il-Presiden semma li l-Awtorita' tal-Ippjanar bagħatet sabiex ir-Reġjun jissottometti aktar dokumenti sabiex ir-Reġjun ikollu Regional Hub mibni fuq art li ngħatat b' devoluzzjoni mill-Lands. Il-President semma li wara li Infrastracture Malta għaddiet minn nofs l-art sabiex tagħmel underpass, jidher li l-art issa mhux kbira biżejjed għall-proġett li kien pjanat li jsir. Għaldaqstant, il-President propona li r-Reġjun jibqa' jħallas devoluzzjoni lill-Awtorita' tal-artijiet il-ħlas fis-sena, imma dan il-proġett jinbidel għal spazju għall-komunita'. Fuq talba tal-President il-Kumitat approva dan ilbdil.
Il-President semma wkoll li r-Reġjun ser ikun qed joħroġ is-sejħa sabiex isib post b' leasing sabiex jiġbor l-amministrazzjoni ta' Tribunal u anki tar-Reġjun flimkien ma' sala tal-komunita' u anki l-Awla.
Is-Segretraju Eżekuttiv fakkret li hemm fondi li kienu abbonati mal-proġett ta' Regional Hub u li ser tkun qed tara mad-Dipartiment rigward dawn il-fondi.

20.4.10 Riklam tal-Festa – Lokalita' Tarxien

Il-President semma li kien irċieva mill-Kumita tal-Festa ta' Ħal Tarxien sabiex iżallas riklam fuq il-fuljett tal-festa. Is-Segretarju eżekuttiv fakkret li riklami u żlas ta' sponsors mhuwiex legali li jsir. Għaldaqstant kien hemm qbil li dan ma jsirx.

20.4.11 Attivitajiet – Football għall-bniet

Il-President semma li kienet saret laqgħa mal-MFA li ser ikunu qed jorganizzaw ġewwa r-Reġjun Port lejla ta' taħriġ fuq football għat-tfal bniet.
Il-President spjega li xogħol ir-Reġjun ser ikun li jistampa flyers u jitqasmu fil-lokalita'. Il-President semma li din hija pjanata li ssir nhar 14 ta' Lulju.

20.4.12 Kundizzjoni tal-Binja tal-Awla

Is-Segretarju Eżekuttiv kien informa li r-rapport tal-Perit kien tlesta u dan kien preżentat lill-Kumitat. Semmiet li kopjsa tar-rapport għaddiet ukoll lid-Diviżjoni kif ukoll lill-Kunsill Lokali Żejtun.

20.4.13 Tħawwil ta' siġar

Il-President semma li skond il-kalendarju maħruġ mis-Segretarjat ir-Reġjun irid ihawwel ammont ta' siġar fil-lokal, ważda għal kull Kunsill Lokali. Il-President semma li għad trid tinstab data.

20.4.14 Belt Kulturali Ewropea

Il-President semma li wara l-laqgħa li kienet għaddiet, ir-Reġjun irreveda anki l-Estimi Finanzjarji tiegħu sabiex idaħħal in-nefqa ta' din l-ispiża sabiex tiġi ffurmata l-Fundazzjoni.
Il-President preżenta l-Estimi Finanzjarji sabiex wieħed ikollu aktar għarfien u d-deċiżjoni tittieħed b' mod informattiv. Il-President semma li huwa mhux ser iressaq għal approvazzjoni dawn l-estimi peress li deficit huwa wieħed kbir. Għaldaqstant huwa semma li min-naħa tiegħi jiddikjar li r-Reġjun mhuwiex ser jagħmel tajjeb sabiex jmantni l-Fundazzjoni b' €200,000 fis-sena.
Is-Segretarju semma li ser ikun qed jattendi laqgħa għand is-Segretarju Permanenti fuq is-suġġett imsemmi.

20.4.15 Skema Clean Up

Il-President semma li reġgħet fetħet l-iskema tal-Clean Up għas-sena 2023. Dawk preżenti qablu li din għandha tiġi diskussa f' aktar dettal sabiex ir-Reġjun jissottometti applikazzjoni konġunta.
Il-President semma wkoll li r-Reġjun ser ikun qed jistampa xi posters li jista' jeħlu f' ġonna sabiex jitqajjem aktar għarfien fuq l-iskart li wieħed jarmi mal-art.

20.4.16 Fondi lill-Kunsill Lokali Kalkara

Il-President staqsa lis-Sur Aquilina li minħabba l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill u minħabba l-biża li l-Kunsill Lokali jista' jkolli xi mandat fuq l-operat minħabba ħlasijiet pendenti li għad iridu jitħalsu lil diversi kuntratturi r-Reġjun jista' jara jekk potenzjalment jistax isellef dawn il-fondi lill-Kunsill u jitħalsu lura mingħajr l-ebda interessi.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

20.5 Aġġornament

20.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:45, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 15 ta' Mejju 2023 fil-18:00 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv